MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 27/2008

**Avukat Peter Fenech bħala mandatarju speċjali ta' l-entita' legali Futbol Club Barcelona.**

**-vs-**

**Dr. Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno li b'digriet ta' l-4 ta' Frar, 2008 ġew nominati bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti soċjeta' esportatriċi AG. COM. SAN. KAM YIP u lill-kunsinjatarju STE SOLARADEL SARL.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-11 ta' Jannar, 2008 li permezz tiegħu l-attur *nomine* espona bir-rispett:

Illi r-rikorrenti Futbol Club Barcelona hija l-proprjetarja tad-drittijiet reġistrati bħala *Community Trademarks* u

*Community Designs*, ma' l-*Office for Harmonization in the Internal Market* ta' l-Unjoni Ewropea, ir-rappreżentazzjoni grafika 'FCB', liema dritt ġie reġistrat l-ewwel darba fil-11 ta' Frar, 2004 u mogħti n-numru ta' reġistrazzjoni 002803005 (Dok. PF1).

Illi fit-12 ta' Diċembru tas-sena 2007 ir-rikorrenti *nomine* ġie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tiegħu ġewwa l-Port Ħieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru UNIU 4031048 li daħal ġewwa l-Port Ħieles fuq il-vapur CMA CGM Wagner liema *container* kien fih total ta' sitt elef u ħames mitt (6,500) arloġġ kollha bir-rappreżentazzjoni grafika 'FCB', li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana, li dawn jikkontravjenu drittijiet ta' proprjeta' intelletwali;

Illi mill-kampjuni li ttieħdu mir-rikorrenti *nomine* jirriżulta li l-arloġġi hawn qabel indikati u miżmuma taħt l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet għar-raġuni li fihom ir-rappreżentazzjoni grafika 'FCB' u li kienu ġew manifatturati u esportati mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' Futbol Club Barcelona, u għalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intelletwali ta' Futbol Club Barcelona (Dok. PF2);

Illi r-rikorrenti *nomine* talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata ġewwa Malta (PF3) sabiex a tenur ta' l-Artiklu 7 tal-Kapitlu 414 tal-liġijiet ta' Malta huwa jipproċedi ċivilment għal deċiżjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta;

Illi din il-merkanzija nqabdet mill-Port Ħieles ta' Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa STE SOLARADEL SARL minn Fes, Maroc, dan skond dak ċitat fil-polza ta' tagħbija numru SZ1378720 (Dok. PF4);

Illi l-azzjonijiet ta' l-intimati jiksru d-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 4 tal-Kapitlu 414 tal-liġijiet ta' Malta, kif ukoll ta' l-Artiklu 10(2)(b) ta' l-Att Dwar it-*Trademarks* (Kapitlu 416) u huma azzjonabbli b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet

relevanti ta’ l-Artikli 14-19 ta’ l-istess Kapitlu 416 u l-Artikli 7 u 8 ta’ l-istess Kapitlu 414;

Illi r-rikorrenti għandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni ġudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet tagħha;

Għaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-oġġetti, konsistenti f’arloġġi li fuqhom hemm ir-rappreżentazzjoni grafika ‘FCB’ u li jinsabu preżentement taħt l-awtorita’ tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru UNIU 4031048 kontenenti l-imsemmija arloġġi, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intelletwali tar-rikorrenti Futbol Club Barcelona, fir-rigward tat-*trademark* tagħha, ir-rappreżentazzjoni grafika ‘FCB’, liema dritt ġie reġistrat l-ewwel darba fil-11 ta’ Frar, 2004 u mogħti n-numru ta’ reġistrazzjoni 002803005 (Dok. PF1); u dan okkorrendo bin-nomina ta’ esperti nominati għal dan il-fini;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali arloġġi ’l hinn mill-kanali tal-kummerċ b’dak il-mod li jipprekludu xi ħsara tar-rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruġġi dawk l-arloġġi, f’kull każ mingħajr ebda kumpens lil u a spejjeż ta’ l-intimati;

3. Tordna li l-intimati għandhom ibatu l-ispejjeż kollha konnessi mal-miżuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti, inklużi dawk tat-trasport ta’ l-imsemmija arloġġi għall-ħażna f’Malta qabel id-distruzzjoni eventwali tagħhom, tal-ħażna stess, tat-*tallying* u ta’ l-ispejjeż kollha dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana mill-bidu tal-proċeduri, kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-ħażna għal-lok eventwali ta’ distruzzjoni nkluż l-ispejjeż kollha inkorsi għad-distruzzjoni finali ta’ l-istess arloġġi.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur *nomine* maħlufa, il-lista tax-xhieda u l-lista ta' dokumenti.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kuraturi Deputati Dr. Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno, ippreżentata fit-13 ta' Mejju, 2008, li permezz tagħha esponew bir-rispett:

1. Illi huma m'humiex edotti mill-fatti tal-kawża pero' jirriservaw illi jippreżentaw risposta ġuramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxielhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-każ odjern.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Novembru, 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti, mhux kontrastati, jirriżulta ċar li t-talbiet attriċi huma ġustifikati u għandhom jintlaqgħu.

**Il-Qorti għalhekk tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi u għall-fini tat-talbiet attriċi fejn applikabbli tipprefiġġi terminu ta' xahar.**

**L-ispejjeż a kariku tas-soċjeta' konvenuta, iżda l-attur *nomine* għandu proviżorjament iħallas l-ispejjeż u d-drittijiet tal-kuraturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------